# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 31 ta' Mejju 2019**

**Numru 28**

**Citazzjoni numru 193/04 LSO**

**George u Emanuela konjuġi Zammit proprio u fil-kapaċita` tagħhom bħala l-leġittimi rappreżentanti ta' binhom minuri Sean**

**v.**

**Alfred u Antoinette konjuġi Zammit**

**PRELIMINARI:**

1. Dan huwa appell ad istanza tal-atturi mis-sentenza tas-27 ta' Frar 2014 mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li permezz tiegħu qed jitolbu lil din il-qorti sabiex tvarja u/jew tirrevoka s-sentenza appellata billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti *in toto*, tilqa' t-talbiet tagħhom *in toto*, u takkorda d-dekorrenza tal-imgħax mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni sad-data tal-pagament effettiv, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

"Rat ic-citazzjoni attrici datata 16 ta' Marzu 2004 fejn esponiet: -

"Illi l-atturi huma kredituri tal-konvenuti fis-somma ta' disgha u ghoxrin elf u hames mitt lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm29,500.89) rapprezentanti self brevi manu mill-atturi lill-konvenuta Antoinette Zammit.

"Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuti m'ghandhom l-ebda eccezzjonijiet x'jaghtu in kontro-trattazzjoni ghat-talbiet attrici u b'hekk jezistu c-cirkostanzi kontemplati fl-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh.

"Illi l-konvenuti debitament interpellati baqghu inadempjenti.

"Jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandix din l-Onorabbli Qorti:

"1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh *ai termini* tal-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

"2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' disgha u ghoxrin elf u hames mitt Iira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm29,500.89).

"Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandati ta' Inibizzjoni bin-Numru 390/2004 u bl-imghax mid-data tal-pagament effettiv u l-konvenuti minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

"Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-25 ta' Mejju 2004.

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata 14 ta' Gunju 2004 (fol 20) fejn esponew: -

"1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fid-dritt u dana peress illi l-azzjoni odjerna hija bbazata fuq fatti illeciti kwantu ghal kwistjoni ta' uzura kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza. Illi *stante* li l-uzura llum il-gurnata hija reat kriminali (u mhux biss regolata taht id-dispozizzjonijiet tal-Kodici Civili) illum min jikkommetti uzura jkun qed jaghmel reat u b'hekk ksur ta' ordni pubbliku, illi ghalhekk din l-Onor. Qorti ghandha tiddikjara illi l-kawza odjerna hija illecita.

“2. Illi t-talba attrici ghandha wkoll tigi michuda fid-dritt peress illi *stante* li s-self mertu tal-kawza sar f’diversi okkazzjonijiet, l-atturi kkommettew reat kriminali *stante* li huma agixxew bhala “istituzzjoni finanzjarja” u dan minghajr il-permessi mehtiega minghand l-awtoritajiet kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza. Illi ghalhekk anke minn dan l-aspett l-atturi kkommettew reat u b'hekk ksur ta' ordni pubbliku.

“3. Ili fil-mertu u f’kaz illi f’pessima ipotesi l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-eccipjenti jigu michuda, l-ammonti kif mitluba fic-citazzjoni fl-ismijiet hawn fuq premessi ma humiex dovuti u dan peress illi l-eccipjenti gia hallsu ammonti konsiderevoli minn dak li sselfu u dan fost pagamenti ohra li saru anke bil-kalkolu tar-rata ta' imghax ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%).

“4. Salv eccezzjonijiet ohra skont il-ligi.

“Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta tat-13 ta’ Frar 2007 fejn il-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta’ Gunju 2007; u l-verbali tas-seduti l-ohra kollha nkluz dak tas-27 ta’ Settembru 2012 fejn b’ ordni tal-Qorti kif diversament presjeduta, u peress li kienet tehtieg iktar zmien sabiex tghaddi ghall-ghotja tas-sentenza, il-kawza giet differita ghal dan il-ghan ghall-31 ta’ Jannar 2013.

“Rat is-surroga datata 16 ta’ Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

“Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta’ Jannar 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Peress li kien hemm biss trattazzjoni verbali mhux registrata dwar l-eccezzjonjiet ulterjuri, il-Qorti stiednet lill-partijiet sabiex b’ nota bil-*visto* tal-kontro-parti li kellha ssir fi zmien ghoxrin (20) jum minn dak il-verbal jiddikjaraw jekk xtaqux jaghmlu sottomissjonijiet verbali fuq il-kaz jew sottomissjonijiet bil-miktub. Il-kawza giet differita ghall-informazzjoni utlerjuri ghat-28 ta’ Frar 2013, u fin-nuqqas kellha tigi differita dakinhar ghas-sentenza.

“Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-atturi datata 30 ta’ Settembru 2013 a fol 105 tal-process.

“Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta nkluz dak tad-19 ta’ Novembru 2013 (fol 121) fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Edward Gatt ghall-konvenuti li nforma lill-Qorti li gie notifikat bin-nota ta’ sottomissjonijiet tal-atturi pprezentata fit-3 ta’ Settembru 2013. Dr. Maria Cardona u l-atturi msejha diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr. Gatt tratta l-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Frar 2014. Aktar tard dehret Dr. Maria Cardona li hadet konjizzjoni ta’ dan il-verbal.

“Hadet konjizzjoni tal-provi kollha prodotti.

“**II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

“Illi din il-kawza titratta dwar allegat bilanc ammontanti ghal Lm29,500.89 li l-atturi jghidu li ghadu dovut mis-somma mislufa “*brevi manu”* lill-konvenuta Antoinette Zammit, mart Alfred Zammit, mill-istess atturi kif ukoll minn binhom Sean, li meta giet ipprezentata c-citazzjoni, kien ghadu minorenni.

“Dan l-ammont kien restitwibbli ghas-semplici rikjesta. Illi pero` *nonostante* li nterpellawhom diversi drabi dawn baqghu ma hallsuhomx.

“Il-konvenuti opponew ghal din it-talba *stante* li jghidu li l-ftehim hu null in kwantu huwa bbazat fuq fatti illeciti, senjatament l-uzura. *Inoltre* peress li s-self in kwistjoni sar f'diversi okkazzjonijiet, l-atturi ikkommettew reat kriminali *stante* li agixxew bhala istituzzjoni finanzjarja minghajr il-permessi mehtiega mill-awtoritajiet ikkoncernati. Eccipew ukoll li, f'kwalunkwe kaz l-intimati gja hallsu ammonti konsiderevoli fost pagamenti ohra li saru anke bil-kalkolu ta' rata ta' imghax ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%).

“**<u>Provi Prodotti</u>**

“Xehdet **Emanuela Zammit**[1] li kkonfermat li hi, zewgha, kif ukoll binhom Sean kienu sellfu flus lil Antoinette Zammit. Ikkonfermat l-ammont dovut skont *statements* annessi mac-citazzjoni, ikkalkulati bl-imghax bir-rata ta' 8% sal-ahhar ta' Frar 2004.

“Xehdet **in kontro ezami**[2] u qalet li l-prospett hu mehud minn notamenti li ghandha. L-originali tad-dokumenti fihom kitba minn idejha kif ukoll minn idejn il-konvenuta u kellha tressaq kopja fotostatika ta' dawn ir-registri iktar 'il quddiem.

“Qalet ukoll li rcevuti ma kienux jinghataw fejn hemm imnizzel fil-prospett taghha li saru pagamenti. Kienet titnizzel biss bil-kitba fir-registru tal-attrici.

“Meta Sean sellef il-flus kien ghadu minorenni ta' 16-il sena u kienu gemmawlu l-flus tac-*children's allowance.* Hlief ghas-self imnizzel tal-11 ta Awwissu 2002 ma silef flus lil hadd izjed.

> “"*Ghar-rigward tar-rata ta' imghax miftehma nghid li l-konveuta stess kienet tigi titlobna hafna drabi u kienet hi wkoll illi stabbiliet rata ta' imghax illi f'xi uhud mic-cirkostanzi kienet ta' 20%."* Imbaghad ammettiet

[1] Affidavit a fol.5 tal-process.
[2] Seduta quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tat-8 ta' Gunju 2005 a fol.48 *et.seq.*tal-process.

> li *"fl-okkazjonijiet kollha lill-konvenuti s-self sar bir-rata ta' 20%."* Madanakollu cahdet li minbarra din ir-rata kienu jiehdu wkoll imghax fuq is-somom li jkunu thallsu matul is-sena precedenti. L-ammont pretiz f'din il-kawza ma jinkludux pagamenti li huma qed jitolbu minghand wahda Spiteri.

“Xehed **George Zammit**[3] u qal li l-konvenuta Antoinette Zammit kienet taf lil martu u giet id-dar taghhom u talbitu jsellifha l-flus peress li kellha problemi finanzjarji. Hi qaltilhom li kienet ser troddilhom il-flus lura bin-nifs. Sussegwentement it-tifel taghhom beda johrog ma' bint il-konvenuta, Amanda, u peress li r-relazzjonijiet ravvicinaw izjed, sellfuha aktar flus. Kemm hu, kif ukoll martu u ibnu Sean sellfu flus lill-konvenuta.

“Ikkonferma skont prospett esebit li l-ammont komplessiv li hu dovut ikkalkolat b'imghax ta’ 8% sal-ahhar ta' Frar 2004 hu ta' Lm29,500.89.

“Qal li l-konvenuta kienet bdiet thallas izda mbaghad waqqfet ghal kollox.

“Xehdet il-konvenuta **Antoinette Zammit**[4] mart Alfred Zammit. Xehdet li kienet issellfet Lm2,000 sabiex dawn troddhom lil certu Doris Spiteri. Il-pagamenti dehru li ghamlithom ix-xhud.

“Qalet li issellfet f'izjed minn okkazzjoni wahda u l-ftehim kien li taghmel pagamenti fuq kull ammont differenti misluf b'rati ta' pagamenti differenti. L-imghax fuq kull pagament fix-xahar kien ta' mhux inqas minn 20%. *Inoltre* f'gheluq sena mis-self kellha thallas interessi ulterjuri ta' 20% fuq is-somma kollha mislufa u mhux fuq il-bilanc dovut.

“Esebiet prospett ta' pagamenti[5] u spjegat li l-kelma *balance* tirrifletti l-ammont li baqa' ma thallasx. Hi ddikjarat li m'ghandha thallas xejn ghaliex l-atturi agixxew illegalment.

“Hi sellfet il-flus biex tghaddihom lil terzi izda baqghet ma hadithomx lura ghaliex dawn talbu ghajnuna mill-*Caritas.*

“Kienet tkellmet mal-Avukat Peter Borg Costanzi li kien baghat ghall-atturi biex jaghmlu rendikont tal-pagamenti li saru izda ma waslux ghall-ftehim.

“L-ammont ta’ Lm29,000 hu ammont astronomiku li jinkludi bosta imghax. Sahansitra ghamlet rapport mal-iSpettur Angelo Gafa tal-*Fraud Squad.*

“Fi kliemha "*Nghid li rcevuti ta' pagamenti ma kienux isiru peress li jiena kont inzomm karti f'xahar u kont innizzel kollox. Naf cert li l-atturi kienu*

[3] Affidavit a fol.26-27 tal-process.
[4] Affidavit a fol. 32 *et. seq.* tal-process
[5] Nota a fol.36 - 44 tal-process.

*jzommu ktieb li fih kienu inzzlu l-pagamenti kollha tieghi u ta' nies ohra li jkunu hallsuhom. Dan il-ktieb kien f'forma ta' 'ledger' bl-ittri tal-alfabet u l-kunjomijiet indikati fuqu."*

“Sqarret ukoll li s-somom veri huma dawk murija fil-prospett taghha.

“Xehdet **in kontro ezami**[6] u qalet li kellha negozju ta' self ta' flus. Din is-somma hija mertu ta' zewg kawzi, wahda kontra Doris Spiteri u dik prezenti.

“Cahdet li kienet hi li pproponiet l-imghax ta' 20%. Cahdet li l-organizzazzjoni tal-*Caritas* dahlet minhabba rapporti li ghamlu kontriha nies li kienu ssellfu minghandha.

“Waqqfet il-pagamenti fiz-zmien meta bintha telqet lil Clint Zammit. Izda regghu rrangaw.

“Qalet ukoll li Doris Spiteri kienet thallasha Lm500 fix-xahar.

“Xehdet **Maria Dolores Spiteri**[7] u qalet li kienet sillfet flus minghand Antoinette Zammit. L-atturi tafhom ghaliex kienu gew id-dar taghha biex jitolbuha thallashom il-flus li kienu sellfu lill-konvenuta. Kienet issellfet Lm2,000 minghand il-konvenuta. Antoinette Zammit kienet qaltilha li ma setghetx issellifhomlha hi izda kienet ser titlobhom lil wahda li kienet tinnegozja maghha. Ix-xhud kellha thallas is-self f'rati ta' Lm200 fix-xahar u l-ammont tela' ghal Lm2,400. L-attur, meta gie d-dar, talabha Lm2,000.

“Hi qalet li l-attur fethilha kawza li kienet ghadha pendenti ghal Lm1,600 jew Lm1,800.[8]

“Ikkonfermat l-iskrittura a fol. 75 (**DOK MDS**) li permezz taghha l-atturi qed "jidhru"[9] li sellfuha *brevi manu* Lm2,400 li kellha tithallas lura f'pagamenti ta' Lm100 kull gimaghtejn u l-imghax ikun ikkalkulat bir-rata skont il-ligi. Hi ffirmat dan id-dokument id-dar ta' Antoinette Zammit izda l-atturi ma kienux prezenti, hi ghamlet pagament wiehed lil Antoinette Zammit ta' Lm200 fuq l-ammont misluf. Dan l-ammont li iffirmat ghalih kellha taghtih lil Antoinette Zammit.

“Qalet in **ri-ezami** li l-ftehim li kellha ma' Antoinette Zammit kien illi r-rata ta' imghax kellha tkun ta’ 20% u li jekk ma thallasx fiz-zmien kien ser ikun hemm ukoll Lm40 fix-xahar. Hi baqghet issostni li kellha thallas

---

[6] Seduta quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tat-13 ta' Frar 2007 a fol.73 *et.seq.* tal-process.

[7]Seduta quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tat-8 ta' Gunju 2005 a fol.51 *et.seq.*tal-process.

[8]Din il-kawza giet definita b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet:- *Emmanuela Zammit v Maria Dolores Spiteri u Antoinette Zammit* (dec. fis-16 ta' Lulju 2006) - kopja a fol. 121 tal-process.

[9]Din il-kelma tqeghdet fra virgolette peress li l-iskrittura mhix iffirmata mill-atturi.

biss lil Antoinette Zammit u dan qalitu lill-atturi meta gew id-dar taghha biex jithallsu.

“L-ammont mitlub fil-kawza pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati huwa l-ammont li kien ghad baqa' jithallas mill-bilanc maghdud mal-ammont li hallset lil Antoinette Zammit.

“Zammit qaltilha li kienet qed taghmel hlasijiet minflokha izda dan kienet tafu fuq kliem Antoinette Zammit li ma urithiex karti. Kienet issellfet Lm500 minghand Emanuela Zammit apparti l-ammont imsemmi fl-iskrittura MDS. Dan l-ammont ta' Lm500 kien ghadu ma thallasx kollu u hu mertu ta' proceduri quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar istitwiti kontriha mill-atturi. Din is-somma ta' Lm500 kienet telghet ghal Lm625 bl-imghaxijiet. It-talba pendenti hija ta’ Lm275.

“**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

“1. *Causa Illecita -*

“L-ewwel eccezzjoni ssollevata mill-konvenuti hija li t-talba attrici hija bbazata fuq imghaxijiet ikkalkolati b'rata oghla minn dik permessa bil-ligi u ghalhekk hija bbazata fuq l-uzura, li hija reat kriminali. Huma jghidu li "*Dan ifisser li l-bazi ta' din l-azzjoni huwa wiehed illecitu, peress li mhux biss qed jikser l-artikoli tal-Kodici Civili, izda ksur ta' ordni pubbliku.*

“Gie ritenut mill-Qrati taghna li "*Il-konvenzjoni affetta b'uzura hija, ghal dik li jirrigwarda l-uzura, nulla b'mod assolut, jigifieri inezistenti, billi illecita ghax projbita mil-Ligi (illum l-artikoli 1852, 987 u 990 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta) u hija illecita fir-rigward tal-mutwant." ("**Carmelo Lia v Emmanuele Genovese**"* - App.Civ. dec. fl-14 ta' Marzu 1938). Il-Qorti issoktat: "*Ghalhekk is-somma mhallsa bhala uzura ghandha tigi restitwita lil min hallasha u ma tista' qatt tifforma oggett ta' obbligazzjoni naturali."*

“*Inoltre* l-Qrati taghna dejjem irritenew li l-konvenzjoni affetta bl-uzura hija, ghal dak li jirrigwarda l-uzura, nulla b'mod assolut **(PA)(JDC) - *"Joseph Mary Farrugia v Gontran Borg noe"* -** dec. fil-15 ta' Novembru 1985. (Ara wkoll *"**Joseph Peplow v- Ferdinando Galea"*** - Appl. Civ. Dec. fis-7 ta' Marzu 1955 - Vol. XXXIX-I-366).

“Din l-eccezzjoni hija marbuta mat-tielet eccezzjoni in kwantu l-uzurja trid tirrizulta. Infatti gie dejjem ritenut li l-uzura ma tipprivax lill-mutwant mill-interessi leciti (ara ad ez. "***Francesco Camilleri v Paolo Muscat* "** QK - dec. fis-7 ta' Dicembru 1950). Dan johrog minn qari tal-**artikolu 1852** tal-Kodici Civili.

“Il-Qorti ghalhekk ser tikkonsidra **t-tielet eccezzjoni : -**

“**Bit-tielet eccezzjoni l-konvenuti jichdu l-addebitu ghaliex jghidu li hallsu ammonti konsiderevoli u anke bl-imghax ta' 25%.**

“***Skont l-artikolu 1852 tal-Kodici Civili ta' Malta*** *"(1) L-imghax ma jistax jaqbez it-tmienja fil-mija fis-sena.*

“*(2) L-imghax miftiehem f’izjed minn daqshekk jigi mnaqqas sal-limiti hawn fuq imsemmija.*

“*(3) Jekk ikun gie mhallas imghax izjed minn dak li taghti l-ligi z-zejjed jinqata’ mill-kapital...."*

“Jirrizulta ammess mill-atturi li l-imghax pagabbli kien bir-rata ta' 20%. **Emanuela Zammit** xehdet "*fl-okkazzjonijiet kollha lill-konvenuti s-self sar bir-rata ta' 20%."* Jekk dan ikun jirrizulta, id-debitur, f'dan il-kaz, il-konvenuti, ghandhom il-jedd li jakkreditaw l-imghaxijiet zejda imhallsa kontra l-kapital. Jirrizulta wkoll li Antoinette Zammit kienet hi stess issellef lin-nies, inkluz lil Doris Spiteri. Rigward dan is-self lil Spiteri, l-Qorti ma taqbilx mat-tezi tal-konvenuti in kwantu li ma jirrizultax li dan is-self hu nkluz fl-ammont pretizi f'din il-kawza. *Del resto*, kif gja kellha okkazzjoni li tosserva, l-ftehim esebit mill-konvenuti allegatament bejn l-atturi u Spiteri lanqas biss hu ffirmat mill-atturi.

“Illi hu pacifiku li l-prova tal-pagament trid issir minn min jallegaha. Hawnhekk issir referenza ghas-sentenza **“Lombard Bank Malta plc vs H. Vassallo & Sons Ltd et”** (App Nru: 172/2004 – 29 ta’ Frar 2008) fejn gie ritenut:-

> “*Hu principju mhux kontrastat in materja in fatti illi ‘la prova del pagamento e’ a peso del convenuto che lo allega’, kif kienet iddecidiet il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha tat-28 ta’ Mejju 1885, fil-kawza Negte Michele Apap noe s Giuseppe Grech. Fil-gurisprudenza taghna gie kostantament ritenut li l-piz tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah, u li jekk ikun hemm xi dubju, dak id-dubju ghandu jigi rizolut favur l-attur (Vol XXXV.iii.604).”*

“F'dan ir-rigward il-partijiet ipprezentaw prospetti ta' dak li jghidu gie misluf u x'thallas. Ircevuti ma hemmx. Antoinette Zammit xehdet hekk dwar il-prospett li hi esebiet:-" *Il-kelma 'balance' tirrifletti l-ammont li baqa' ma thallasx."*

“Jekk il-Qorti kellha tiehu l-bilanci kkalkolati mid-debitrici bhala kejl, dawn jammontaw fl-assjem ghat-total ta' Lm20,260 cioe` avarija ta' Lm9,240 minn dak reklamat mill-atturi. Meta waslet ghal dan it-total din il-Qorti ma haditx in konsiderazzjoni ammont imnizzel mill-konvenuta bhala misluf lilha fit-30 ta’ Gunju 2001 (Lm2,000) peress li dan is-self mhuwiex inkluz fil-prospett tal-atturi u ghaldaqstant mhuwiex mertu ta' dawn il-proceduri.

“Hawnhekk il-Qorti tinsab f'sitwazzjoni xejn facli. Min-naha wahda, il-pern tad-difiza hija l-uzura, li hija akkuza serja u hu mistenni li min

jallegaha jgib il-prova taghha. Izda fil-kaz in ezami, din l-allegazzjoni giet ammessa mill-attrici fix-xhieda taghha. Minghajr din l-ammissjoni, din il-Qorti kienet forsi timxi b'mod iehor fl-apprezzament tal-provi. Huwa ukoll maghruf li min isellef il-flus bl-imghaxijiet eccessivi juza diversi stratagemmi biex joskura dan il-fatt illecitu tieghu.

“Il-Qorti ma tistax ma tiehux konjizzjoni tal-fatt li l-attrici naqqset milli tesebixxi l-*ledger* originali taghha. Il-Qorti ghandha biss il-kelma taghha li kitbet fedelment dak li kien gie imnizzel fl-original kemm bil-kitba taghha kif ukoll bil-kitba tad-debtrici. Dan il-*ledger* kien iservi bhala l-ahjar prova fir-rigward, u fl-assenza taghha, il-Qorti tista' biss tigbed il-konkluzjonijiet li jidhrilha li huma gusti fic-cirkostanzi.

“Ikkonsidrat li skont il-prospett esebit mill-konvenuta, isselfet kapital ammontanti ghal Lm35,500 fi 12-il transazzjoni fis-sena 2002 filwaqt li skont il-prospett esebit mill-atturi, huma sellfuha Lm37,500 fi 13-il transazzjoni bejn 2002-2003. Il-konvenuta ma ssemmix self ta’ Lm2,000 mehud fit-28 ta' Frar 2003 u fl-assenza tal-original tal-*ledger* tal-atturi, il-Qorti mhix ser tinkludi dan il-kreditu in kwantu mhuwiex ippruvat.

“Ikkonsidrat li skont kitba esebita a fol 44 hemm imnizzel li Sean Zammit ghandu jiehu bilanc ta' Lm695. Izda l-firma fuq din il-kitba ma gietx ikkonfermata mill-attur Sean Zammit u ghalhekk mhix attendibbli.

“Ikkonsidrat li fil-kalkoli murija mill-konvenuta hi naqqset l-ammonti li hallset bhala imghax zejjed mill-kapital biex waslet ghall-bilanci dovuti. Fic-cirkostanzi, il-Qorti ser taccetta l-bilanc muri mill-konvenuta ammontanti ghal Lm20,260 ossia €47,193.10 u tillikwidah bhala l-ammont li ghadu dovut bhala kapital favur l-atturi.

“Ghaldaqstant ser takkolji l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet in kwantu li ssib li kien hemm l-uzura fuq is-self moghti mill-atturi u tnaqqas l-ammont imhallsa mill-konvenuta fuq imghaxijiet mill-kapital misluf. B'hekk l-ammont bilancjali hu ta' €47,193.10 li ghandu jithallas bl-imghaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena (8%) dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza.

“**It-Tieni eccezzjoni.**

“Jibqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u cioe`:-

> “"*Il-kawza odjerna hija bbazata fuq kunsiderazzjoni illecita minhabba li l-atturi mhumiex licenzjati bhala 'istituzzjoni finanzjarja.'*

“Il-konvenuti ma gabu l-ebda prova biex isostnu t-tezi taghhom.

“Skont l-Att Dwar l-Istituzzjonijiet Finaznjarji, (Kap 317 tal-Ligijiet ta' Malta) ***"istituzzjoni finanzjarja"*** *tfisser kull persuna li b’mod regolari jew abitwali tikseb holdings jew tidħol biex twettaq xi attività elenkata fl-*

*Ewwel Skeda akkont u għar-riskju tal-persuna li tkun qiegħda twettaq dik l-attività."*

"Il-Ligi tipprojbixxi l-kummerc finanzjarji minghajr licenzja (enfasi tal-Qorti). Il-konvenuti ma ressqu l-ebda prova li juru li l-atturi abittwalment jikkummercjaw bhala *money lenders* ghalkemm hemm prova li kien hemm diversi transazzjonijiet bejn l-atturi u Antoinette Zammit kif ukoll li l-konvenuta kienet hi stess issellef lin-nies. Madanakollu dawn biss joholqu "*fumus"* ta' negozju fis-self li wahdu mhuwiex bizzejjed biex jwassal ghal konvincement sal-grad rikjest mil-ligi li s-self f'dan il-kaz kien dovut ghal xi skop kummercjali.

"Anzi hu ammess minn Antoinette Zammit li kien hemm rabtiet personali bejnha u l-atturi peress li Sean Zammit kellu relazzjoni personali ma' bintha. Din ir-rabta ragjonevolment setghet immotivat lill-atturi biex ikomplu jsellfu lill-konvenuta.

"**Ghalhekk il-Qorti, ghal dawn ir-ragunijiet, din l-eccezzjoni qed tigi michuda.**

"**III. KONKLUZJONI.**

"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeiciedi**, billi fil-waqt li **tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti** in kwantu li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, **tilqa'** l-ewwel u t-tielet eccezzjoni in parti sakemm huma kompatibbli ma' din is-sentenza, u **tilqa'** it-tieni talba attrici fis-sens li :-

"**Tikkundanna** lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' sebgha u erbghin elf, mija u wiehed u tletin ewro u ghaxar centezmi (€47,193.10) dovuti fuq self *brevi manu* kif spjegat f'din is-sentenza, liema somma ghandha tithallas bl-imghaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena (8%) dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza sal-pagament effettiv.

"L-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet".

## RIKORS TAL-APPELL tal-atturi (13.03.2014):

3. L-atturi ħassewhom aggravati bis-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk interponew dan l-appell minnha. L-aggravji tagħhom huma s-segwenti:

**(i) <u>L-ewwel Qorti ma kellhiex tirriduċi l-ammont pretiż minnhom:</u>**

L-atturi fl-ewwel lok jaċċennaw għall-fatt li l-konvenuti jammettu li hija dovuta s-somma ta' <u>Lm20,505</u> u mhux <u>Lm20,260</u> (kif irrilevat l-ewwel Qorti) u għalhekk diġa hemm żball fil-kalkolu.

Jgħaddu mbagħad biex jargumentaw għaliex għandhom jitħallsu Lm29,500.89 (cioe` Lm8,995.89 iktar minn Lm20,505):

(a) Għalkemm jammettu li kien sar ftehim fuq imgħax ta' <u>20%</u>, isostnu li fuq parir li ħadu, irrevedew il-konteġġi b'mod li l-prospett tagħhom jirrifletti imgħax bir-rata ta' 8% sal-aħħar ta' Frar 2014.

(b) Isostnu li għalkemm il-konvenuti ppruvaw li s-self kien miftiehem b'imgħax għoli, ma rnexxilhomx jippruvaw li l-<u>ammont pretiż</u> f'din il-kawża kien afflitt bl-użura.

(c) Jaqblu mal-ewwel Qorti in kwantu qalet li min jallega li ħallas irid jipprova tali ħlas. Jispjegaw li meta wieħed iqabbel il-prospetti taż-żewġ partijiet tirriżulta diverġenza ta' <u>Lm1,720</u> li skont il-konvenuta tali ammont tħallas, iżda skont huma ma tħallasx. Għalhekk jilmentaw li l-ewwel Qorti ma kellhiex taċċetta u taddotta awtomatikament it-tnaqqis propost mill-konvenuta.

(d) Jilmentaw ukoll li l-ewwel Qorti ma kellhiex tnaqqas mill-komputazzjoni tagħha s-somma ta' Lm695 mislufa minn Sean Zammit. Jargumentaw illi għalkemm Sean Zammit ma kkonfermax il-firma a fol 44, il-konvenuta taċċetta li ħadet flus mingħandu - biss ma setgħetx tiftakar kemm kien l-ammont eżatt, għalkemm tiftakar li tatu xi flus f'idejh. In oltre jenfasizzaw li l-flus li silef Sean Zammit, indikati bħala Lm3,000 fil-11.08.2002 u Lm500 fil-11.02.2003 fil-prospett tagħhom, huma riflessi fil-prospett tal-konvenuta, u li l-uniku diżgwid li hemm fir-rigward tas-self li sar minn Sean Zammit jirrigwarda l-kwantum tal-pagamenti li għamlet il-konvenuta.

(e) Jilmentaw ukoll li kienet skorretta l-ewwel Qorti meta qieset li s-somma ta' Lm2,000 mislufa fit-28.02.2003 ma ġietx ippruvata stante li ma ġietx riflessa fil-prospett tal-konvenuta. Jargumentaw illi l-fatt li dan is-self ma ġiex rifless fil-prospett tal-konvenuta ma jfissirx li ma sarx.

(f) Iżidu jgħidu li l-konteġġi kif riportati mill-konvenuta huma żbaljati. Jargumentaw illi anke kieku għall-grazzja tal-argument biss wieħed kellu jistrieħ fuq l-informazzjoni kontenuta fil-prospett tal-konvenuta, għandu jirriżulta li l-ammont dovut huwa ta' Lm23,757.96. Biex din il-qorti "*tifhem aħjar*", l-atturi appellanti ppreżentaw l-istess prospett tal-konvenuta iżda ikkalkulat kif suppost b'mod li jinkludi l-ħlas tal-imgħax flimkien mat-tnaqqis tal-kapital, u mhux kif għamlet il-konvenuta: cioe` li naqqset il-kapital biss.

(g) Isostnu għalhekk li f'każ li din il-qorti kellha tqis is-sottomissjoni f'(c) bħala mistħoqqa, allura mal-ammont ta' Lm23,757.96 għandu jiżdied l-ammont ta' Lm1,720; u f'każ li din il-qorti kellha taqbel ukoll mas-sottomissjoni f'(e), għandu jiżdied ukoll l-ammont ta' Lm2,000, b'dan li l-ammont dovut ikun <u>Lm27,477.96.</u>

(h) Jispjegaw li d-differenza bejn l-ammont f'(g) u l-ammont pretiż (<u>Lm29,500.89</u>) tirrappreżenta l-imgħax bit-8% li kien ġie kkalkolat sal-aħħar ta' Frar 2004 qabel ma ġiet intavolata l-kawża.

**(ii) <u>L-ewwel Qorti kellha tordna li l-imgħax jiddekorri mid-data tal-"preżentata" taċ-ċitazzjoni mhux mid-data tas-sentenza</u>:**

B'referenza għall-ġurisprudenza nostrana l-atturi jissottomettu li l-imgħax fuq is-somma li l-konvenuti ġew ikkundannati jħallsu kellu jiddekorri mid-data tan-"<u>notifika</u>" taċ-ċitazzjoni u mhux mid-data tas-sentenza.

**(iii) <u>L-ewwel Qorti ma kellhiex tispartixxi l-ispejjeż nofs bin-nofs:</u>**

Finalment jissottomettu li l-ewwel Qorti x'aktarx iddeċidiet li l-ispejjeż kellhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet peress li dehrilha li kull parti kellha tort fil-każ in eżami. Madanakollu jenfasizzaw illi l-ewwel Qorti ddeterminat li kważi 70% tal-ammont pretiż kellu jitħallas lilhom u

għalhekk (**bla preġudizzju** għal dak espost minnhom fl-ewwel aggravju, fejn konsegwentement jippretendu li l-ispejjeż għandhom jitħallsu kollha mill-konvenuti) jargumentaw li kien ikun iktar ekwu kieku determinat spartizzjoni ta' 3/10 kontrihom u 7/10 kontra l-konvenuti.

**<u>RISPOSTA TAL-APPELL tal-konvenuti (28.03.2014):</u>**

4. Il-konvenuti appellati wieġbu biex jgħidu li l-appell għandu jiġi miċħud.

5. Preliminarjament jilmentaw li l-ewwel Qorti "naqset" milli tindirizza l-vera kwistjoni f'din il-kawża. Trattandosi ta' użura, isostnu li l-ewwel Qorti kellha l-obbligu li tiddikjara li l-kawża hija msejsa fuq kawżali illeċiti u konsegwentement tiċħad it-talbiet. Għalkemm huma mhux qegħdin jippreżentaw appell inċidentali f'dan ir-rigward, jargumentaw illi "*kwistjoni bħal dina għandha titqajjem u tista' tiġi sollevata anke ex ufficio"* minn din il-qorti.

6. Kwantu għall-aggravji tal-atturi appellanti, isostnu li dawn mhux ġustfikati u adirittura jgħidu li l-appell huwa wieħed frivolu u fieragħ.

**PROVI rilevanti għall-aggravji:**

7. L-attriċi Emanuela Zammit fl-affidavit tagħha[10] xehdet li hi, żewġha George, u binhom Sean, it-tlieta li huma selfu flus lill-konvenuta Antoinette Zammit, li kienet ħabiba ta' oħtha. L-attriċi ħejjiet prospett (**Dok GZ1**) li juri d-diversi ammonti ta' flus li selfuha, il-pagamenti li għamlet il-konvenuta fir-rigward, il-bilanċ li baqa' dovut, u l-imgħax bit-8% sal-aħħar ta' Frar 2004 fuq tali bilanċ. Skont l-imsemmi prospett, il-konvenuta sselfet total ta' **Lm37,500**, ħallset total ta' **Lm11,510** u l-bilanċ dovut minnha huwa ta' **Lm25,990** (mingħajr imgħax) u ta' **Lm29,500.89** (bl-imgħax ta' 8% ikkalkulat sal-aħħar ta' Frar 2004).

8. Il-prospett jindika s-segwenti dettalji[11] rigwardanti 13-il transazzjoni:

| Self minn EMANUELA ZAMMIT: | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Data tas-self** | **Ammont misluf** | **Total ta' pagamenti** | **Bilanċ** | **8% imgħax sa 29.02.2004** | **Bilanċ inkluż imgħax** |
| 30.01.2003 | Lm1,000 | Lm350 | Lm650 | Lm65.33 | Lm715.33 |

[10] Affidavit tal-attriċi, maħluf 16.03.2004, fol 5
[11] Il-prospett jindika wkoll id-dati tad-diversi pagamenti li għamlet il-konvenuta fir-rigward ta' kull ammont li ġie msellef lilha, iżda din il-qorti qed tindika t-total tagħhom biss.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 30.01.2003 | Lm1,000 | Lm120 | Lm880 | Lm78.80 | Lm958.80 |
| 15.01.2003 | Lm2,000 | Lm40 | Lm1,960 | Lm176.93 | Lm2,136.93 |
| 10.08.2002 | Lm1,000 | Lm200 | Lm800 | Lm102.01 | Lm902.01 |
| 30.10.2002 | Lm500 | Lm50 | Lm450 | Lm49.00 | Lm499.00 |
| **28.02.2003** | **Lm2,000**[12] | **Lm25** | **Lm1,975** | **Lm158.16** | **Lm2,133.16** |
| Self minn SEAN ZAMMIT: | | | | | |
| **Data tas-self** | **Ammont misluf** | **Total ta' pagamenti** | **Bilanċ** | **8% imgħax sa 29.02.2004** | **Bilanċ inkluż imgħax** |
| 11.08.2002 | Lm3,000 | Lm1,800 | Lm1,200 | Lm222.00 | Lm1,422.00 |
| 11.02.2003 | Lm500 | Lm275 | Lm225 | Lm25.00 | Lm250.00 |
| Self minn GEORGE ZAMMIT: | | | | | |

[12] Dan huwa l-uniku ammont li mhux rifless fil-prospett tal-konvenuta (kif ser jintwera 'l quddiem)

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Data tas-self** | **Ammont misluf** | **Total ta' pagamenti** | **Bilanċ** | **8% imgħax sa 29.02.2004** | **Bilanċ inkluż imgħax** |
| 15.01.2002 | Lm6,000 | Lm1,800 | Lm4,200 | Lm838.00 | Lm5,038.00 |
| 31.06.2002 | Lm10,000 | Lm2,800 | Lm7,200 | Lm1,100.00 | Lm8,300.00 |
| 15.09.2002 | Lm5,000 | Lm2,800 | Lm2,200 | Lm363.99 | Lm2,563.99 |
| 07.02.2003 | Lm2,500 | Lm750 | Lm1,750 | Lm155.01 | Lm1,905.01 |
| 30.04.2003 | Lm3,000 | Lm500 | Lm2,500 | Lm176.66 | Lm2,676.66 |
| **BILANĊ TOTALI (inkluż imgħax) pretiż mill-atturi:** | | | | | **Lm29,500.89** |

9. Kontro-eżaminata fit-8 ta' Ġunju 2005[13] qalet li t-tagħrif indikat fil-prospett kisbitu min-notamenti (reġistru) li għandha. Qalet li dan fih kitba kemm tagħha kif ukoll tal-konvenuta u wegħdet li 'l quddiem tressaq kopja ta' tali reġsitru (**ma jidhirx li fil-fatt għamlet dan**). Qalet li meta kienu

[13] Kontro-eżami tal-attriċi, fol 48-50

jsiru ħlasijiet ma kinux jingħataw riċevuti iżda kienet titniżżel biss il-kitba fl-imsemmi reġistru.

10. Mistoqsija dwar ir-rata ta' imgħax mifthema qalet li kienet il-konvenuta stess li kienet stabbiliet rata ta' imgħax ta' 20%. Qalet li:

> "*…fl-okkażjonijiet kollha tal-konvenuti, is-self sar bir-rata ta' 20%. Jiena niċħad kif qed jiġi suġġerit lili li minbarra r-rata ta' 20% konna niċċarġjaw ukoll imgħax fuq is-somom li jkunu tħallsu matul is-sena preċedenti*".

11. L-attur George Zammit fl-affidavit tiegħu[14] kkonferma li hu u martu kienu ddeċidew li jsellfu flus lill-konvenuta peress li kienet qalet li kellha problemi finanzjarji. Peress li binhom Clint imbagħad beda' joħroġ ma' Amanda, bint il-konvenuta, u allura r-relazzjonijiet tagħhom saru iktar viċini, huma sellfuha iktar flus. Qal li għalkemm il-konvenuta kienet tħallas bin-nifs, hija mbagħad waqfet f'daqqa, u għalkemm talbuha l-flus baqgħet ma ħallsitx iżjed. Huwa kkonferma l-prospett Dok GZ1 u li l-bilanċ pretiż minnhom huwa ta' Lm29,500.89. Ippreċiża li dak mitlub minnhom jirrappreżenta l-bilanċ tal-kapital li baqa' ma tħallasx u l-imgħax bit-8%.

12. Il-konvenuta Antoinette Zammit ippreżentat prospett[15] dwar il-flus li hija sselfet mingħand l-atturi. Fl-affidavit tagħha[16] spjegat li s-self kien sar

---

[14] Affidavit ta' George Zammit, maħluf 23.07.2004, fol 27-28
[15] Prospett tal-konvenuta esebit a fol 37-43
[16] Affidavit tal-konvenuta, maħluf 08.06.2005, fol 32-35

f'iżjed minn okkażjoni waħda, kif jidher mill-istess prospett. Sostniet li s-somma li qed jippretendu l-atturi (Lm29,500.89) jinkludi imgħax bl-użura u li dak li huwa verament dovut minnha lill-atturi huwa dak indikat fil-prospett esebit minnha (Lm20,885). Qalet li:

> "*…il-ftehim kien li jiena nagħmel pagamenti fuq kull ammont differenti misluf u dana b'rati ta' pagamenti differenti. Illi apparti il-ftehim ta' pagamenti fix-xahar ngħid li* ***l-ftehim kien strettament li l-imgħax ikun ta' mhux inqas minn għoxrin fil-mija (20%).*** *Dan ifisser li jekk jiena suppost li ħallast elf lira fix-xahar, kien ikolli inħallas mitejn lira iżjed fix-xahar interessi. Illi in oltre apparti dawn il-pagamenti fenomenali tal-imgħax, f'għeluq is-sena mis-self jiena kien ikolli nħallas nerġa għoxrin fil-mija oħra imgħax fuq imgħax fuq is-somma kollha mislufa u mhux fuq il-bilanċ li nkun diġa qtajt.*
>
> "*Illi fil-prospett indikat minni ppreżentat, fejn tidher il-kelma "balance" tirrifletti l-ammont li baqa' ma tħallasx. Jiena ngħid u nikkontendi li anqas dan l-ammont m'għandu jiġi mħallas għaliex l-atturi għamlu affarjiet kontra l-liġi u għalhekk it-talba illegali tagħhom m'għandha qatt tiġi milqugħa.*
>
> …
>
> "*Naf li l-atturi bdew joqomsu għaliex kif saret l-emenda fil-liġi dwar l-użura, u cioe` li din saret reat kriminali, l-attur beda jinsisti li jiena nħallas kollox f'daqqa. Huwa ried li jiena nħallas elf lira fix-xahar. Jiena dak iż-żmien ġia kont qed inħallas xi tliet mitt lira fix-xahar u ma stajtx inkompli inħallas iżjed minn hekk.*
>
> "*Naf li minħabba f'dina l-kawża kelli inkwiet mar-raġel peress li huwa anqas kien jaf b'xejn. L-ammont ta' Lm29,000 u fuqhom huwa ammont astronomiku u fih jinkludi bosta imgħax.*
>
> …
>
> "*Ngħid li riċevuti mal-pagament ma kinux isiru peress li jiena kont inżomm karti f'xahar u kont inniżżel kollox. Naf ċert li l-atturi kienu jżommu ktieb li fih kienu iniżżlu l-pagamenti kollha tiegħi u ta' niex oħra li kienu jħallsuhom. Niftakar li dan il-kiteb kien f'forma ta' "ledger" bl-ittri tal-alfabet u l-kunjomiet indikati fuqu.*
>
> "*Jiena ninsisti li s-somom vera huma dawk indikati fil-prospett indikat u li b'hekk l-atturi m'għandhomx ikomplu jkissruni billi jieħdu flus li mhux dovuti lilhom*".

13. Skont dan il-prospett, il-konvenuta sselfet total ta' **<u>Lm37,500</u>**, (li pero` l-atturi appellanti jgħidu li l-Lm2000 indikati bħala mislufa lilha fit-

30.06.2001 mhux mertu ta' dawn l-atti, tant li l-ewwel Qorti skartathom, u allura fil-verita` jiġi li skont il-prospett tagħha, il-konvenuta sselfet total ta' **Lm35,500**) ħallset total ta' **Lm14,615**, u fadlilha bilanċ ta' **Lm20,885**.

14. Il-prospett tal-konvenuta jindika s-segwenti dettalji[17]:

| **Data tas-self** | **Ammont misluf** | **Total ta' pagamenti** | **Bilanċ** |
|---|---|---|---|
| 30.01.2002 | Lm1,000 | Lm620 | Lm380 |
| 30.01.2002 | Lm1,000 | Lm540 | Lm460 |
| 15.01.2002 | Lm2,000 | Lm660 | Lm1,340 |
| 10.08.2002 | Lm1,000 | Lm200 | Lm800 |
| 30.10.2002 | Lm500 | Lm50 | Lm450 |
| 30.06.2001 | Lm2,000 [18] | | |
| 15.01.2002 | Lm6,000 | Lm1,800 | Lm4,200 |
| 31.06.2002 | Lm10,000 | Lm2,800 | Lm7,200 |
| 15.09.2002 | Lm5,000 | Lm2,720 | Lm2,280 |
| 07.02.2002 | Lm2,500 | Lm1,250 | Lm1,250 |
| 30.04.2002 | Lm3,000 | Lm1,100 | Lm1,900 |
| 11.08.2002 | Lm3,000 | Lm2,550 | Lm450 |
| 11.02.2003 | Lm500 | Lm325 | Lm175 |
| **BILANĊ TOTALI dovut (skont il-konvenuta):** | | | **Lm20,885** |

[17] Il-prospett jindika wkoll id-dati tad-diversi pagamenti li għamlet il-konvenuta fir-rigward ta' kull ammont li ġie msellef lilha, iżda din il-qorti qed tindika t-total tagħhom biss

[18] L-ewwel qorti skartat dan l-ammont. L-atturi appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom fil-fatt jgħidu li għamlet sew għaliex ma jiffurmax il-mertu ta' dawn il-proċeduri.

15. Il-konvenuta esebiet ukoll kopja ta' skrittura[19] li fuqha tidher dikjarazzjoni ta' Sean Zammit fis-sens li fadallu jieħu bilanċ ta' Lm695 mingħand il-konvenuta (eskluż l-imgħax). Dan id-dokument qatt ma ġie kkonfermat mill-istess Sean Zammit.


44

Jiena Shaun Zammit għandi nieħu
somma ta' £690 min għand Antoinette
Zammit dawn huma kontijiet ta' £3,600
u ieħor ta' £625 min dawn il-flus tneħħi.
l-imgħax ta' £20 fil-mija u baqa bilanċ [illegible]
il-8% ta' £695. Il-ftehim qiegħed issir illum
31-1-2004. Sean Zammit 544686(M)

16. Kontro-eżaminata qalet li fl-imgħoddi hija stess kienet issellef lil flus iżda tali negozju spiċċa fix-xejn. Hija ċaħdet li fir-rigward is-self in kwistjoni kienet ipproponiet l-imgħax bir-rata ta' 20% sabiex tħajjar lill-atturi jisilfuha.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:

17. Mill-prospetti taż-żewġ partijiet jirriżulta s-segwenti:

[19] Fol 44

- Skont l-atturi huma selfu lill-konvenuta **Lm37,500**; skont il-konvenuta selfuha **Lm35,500**[20].

- Skont l-atturi il-konvenuta ħallset lura **Lm11,510**, u skont il-konvenuta hija ħallset lura **Lm14,615**.

- Skont l-atturi għalhekk, il-bilanċ dovut mill-konvenuta (eskluż l-imgħax ta' 8% sal-aħħar ta' Frar 2004) huwa ta' **Lm25,990**, filwaqt li skont il-konvenuta, il-bilanċ dovut minnha (eskluż imgħax ta' 8% sal-aħħar ta' Frar 2004) huwa ta' **Lm20,885**.

18. Fil-fatt kienet żbaljata l-ewwel Qorti meta qalet li skont il-konvenuta l-bilanċ dovut minnha huwa ta' Lm20,260. (Jidher li sfuġġitilha l-aħħar paġna tal-prospett, fol 43, fejn hemm indikati l-aħħar żewġ bilanċi: ħlasijiet b'self ta' Lm450 u Lm175). Inċidentalment anke l-atturi appellanti ħadu żball meta qalu li skont il-konvenuta stess il-bilanċ dovut minnha huwa ta' Lm20,505. (Mid-dokument anness mar-rikors tal-appell, jidher li sfuġġielhom l-ewwel bilanċ ta' Lm380 indikat mill-konvenuta).

19. Għalhekk il-konvenuta qed taċċetta li hija debitriċi tal-konvenuti fl-ammont ta' Lm20,885 (liema ammont pero` ma jinkludi l-ebda imgħax).

[20] Dan, kif fuq, spjegat meta wieħed jiskarta l-Lm2000 indikati bħala li sselfu fit-30.06.2001 li ma jiffurmawx mertu ta' din il-kawża

20. L-ewwel Qorti kkonkludiet li l-konvenuta kellha tħallas is-somma ta' Lm20,260 bl-imgħax mid-data tas-sentenza. Apparti li kif spjegat, is-somma li l-konvenuta qed taċċetta li hija dovuta minnha hija ta' Lm20,885 u mhux ta' Lm20,260, din il-qorti ma taqbilx li l-ewwel Qorti kellha taqbad u tieħu dan l-ammont u tillikwidah bħala l-ammont li huwa dovut bħala kapital favur l-atturi. L-ewwel Qorti kellha tara **(i)** kemm mis-somma ta' Lm37,500 li l-atturi jsostnu li ġiet mislufa lill-konvenuta, jirriżulta sodisfaċentement pruvat kemm selfuha (eżerċizzju li fil-fatt għamlet), u **(ii)** kemm mis-somma ta' Lm14,615, li l-konvenuta ssostni li ħallset lura lill-atturi, jirriżulta sodisfaċentement pruvat kemm ħallset lill-atturi (eżerċizzju li fil-fatt ma għamlitx); imbagħad tagħmel *"subtraction"* bejn iż-żewġ ammonti li jkunu rriżultaw.

21. Dwar (i) - is-somma totali li ġiet mislufa lill-attriċi, l-atturi ma pprovawx li din kienet fl-ammont ta' Lm37,500 (kif qed isostnu huma skont il-prospett tagħhom) u mhux fl-ammont ta' Lm35,500 (kif qed issostni l-konvenuta skont il-prospett tagħha). Jiġi ppreċiżat li l-atturi qed jaqblu li selfu lill-konvenuta it-12 il-ammont indikati fil-prospett tagħha (anke jekk fir-rigward ta' wħud minnhom id-data tas-sena ma taqbilx - jidher li fejn hemm is-sena ma taqbilx, dan huwa sempliċiment żball). L-atturi pero` jsostnu li huma selfu lill-konvenuta 13-il ammont u mhux 12-il ammont. Isostnu li kien hemm ammont ieħor ta' Lm2,000 li ġie misluf minnhom: dak li fuq il-prospett tagħhom iġib id-data ta' 28.02.2003. L-

<u>ewwel Qorti għamlet sew li skartat tali ammont għaliex osservat li din s-somma ta' Lm2000 mhix riflessa bl-ebda mod fil-prospett tal-konvenuta.</u> L-atturi jargumentaw illi ladarba l-prospett tagħhom ġie kkonfermat minnhom għandu jitqies bħala prova salv prova kontrarja. Dan pero` mhux korrett. Kienu huma li kellhom iġibu l-prova biex jikkorroboraw dak li niżżlu fil-prospett, u fin-nuqqas il-qorti għamlet sew meta qieset biss dak li qablet fuqu l-konvenuta. (Jiġi mfakkar li għalkemm l-attriċi fil-kontro-eżami tagħha tat-8 ta' Ġunju 2005 qalet li kienet ser tippreżenta kopja tar-reġistru li fuqu hemm il-kitba tagħha u tal-konvenuta biex tikkorrobora dak li hemm imniżżel fil-prospett, baqgħet ma ppreżentatx tali dokument). Għalhekk din il-qorti ukoll qed tiskarta l-ammont ta' Lm2000 allegatament misluf lill-konvenuta fit-**28.02.2003** ladarba mhux rifless fil-prospett tal-konvenuta bħall-bqija tal-ammonti l-oħra) u qegħda tqis li l-ammont li sselfet il-konvenuta huwa dak ta' <u>**Lm35,500**</u>.

22. <u>Dwar (ii) - is-somma totali li l-konvenuta ħallset lura</u>, il-konvenuta ma ppruvatx li ħallset Lm14,615 (kif qed issostni fil-prospett tagħha) u għalhekk din il-qorti qegħda tqis li ħallset biss <u>**Lm11,510,**</u> li hija s-somma li qed jaqblu li ħallsithom l-atturi.

23. Għalhekk dak li jirriżulta pruvat (anke għaliex hemm qbil fuqu) hu li l-konvenuta sselfet <u>**Lm35,500**</u> mingħand l-atturi u li ħallset lura <u>**Lm11,510**</u>, u li allura jiġi li fadlilha tħallas bilanċ ta' <u>**Lm23,990**</u> (jiġi

pprećiżat pero` li tali ammont jirrappreżenta l-kapital biss u ma jinkludi l-ebda imgħax ikkalkulat sal-aħħar ta' Frar 2004 - cioe` qabel ma ġiet intavolata l-kawża).

24. Issa għalkemm jirriżulta li s-self sar bir-rata mifthema ta' **20%** (li ovvjament hija rata illegali għaliex hija iktar minn 8%) dan ma jfissirx li t-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda kif issostni l-konvenuta fl-ewwel eċċezzjoni tagħha, u kif issostni wkoll preliminarjament fir-risposta tal-appell tagħha. Ma hi qegħda tintalab l-ebda somma maħduma bir-rata ta' 20%, u anke li kien il-każ, ma jfissirx li t-talbiet kienu jimmeritaw li jiġu miċħuda, iżda biss li r-rata ta' imgħax tiġi ridotta għal 8%. Kien x'kien il-ftehim fir-rigward tas-self odjern, jirriżulta li l-atturi permezz ta' dawn il-proċeduri qegħdin jippretendu lura l-kapital li selfu, bl-imgħax ta' 8%.

25. In vista ta' dan kollu għalhekk, il-konvenuta għandha tħallas lura lill-atturi (a) il-bilanċ ta' <u>**Lm23,990**</u>, li kif ingħad jirrappreżenta l-kapital biss, u (b) l-<u>**imgħax legali ta' 8%**</u> ikkalkulat sal-aħħar ta' Frar 2004.

26. Meta l-atturi, fil-prospett tagħhom, ikkalkulaw l-imgħax ta' 8% fuq is-somma ta' Lm25,990 (cioe` it-13–il transazzjoni indikata fuq il-prospett tagħhom) waslu għall-ammont ta' Lm29,500.89; issa jekk minn din is-somma ta' Lm29,500.89 titneħħa s-somma ta' Lm2133.16 rappreżentanti l-kapital u s-somma pretiżi mill-atturi fir-rigward ta' dak l-ammont ta'

Lm2000 indikat li ssellef fit-**28.02.2003** – li kif fuq spjegat mhux qed jitqies għaliex mhux rifless fil-prospett tal-konvenuta - jiġi li skont l-atturi fuq is-somma ta' **Lm23,990** mislufa minnhom bl-imgħax ta' 8% sal-aħħar ta' Frar 2004, il-konvenuti għandhom iħallsuhom is-somma ta' **Lm27,367.73**.

27. Għaldaqstant mill-ammont pretiż mill-atturi ta' Lm29,500.89 din il-qorti jidhrilha li l-konvenuti għandhom iħallsuhom l-ammont ta' **Lm27,367.73**.

28. Finalment, din il-qorti taqbel mal-atturi appellanti li l-imgħax fuq tali somma għandu mbagħad jiddekorri mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni u mhux mid-data tas-sentenza stante li t-talba kienet għal somma speċifika, u kwindi mhux *da liquidarsi*, anke jekk qegħda tiġi ridotta, u dan in linea mal-ġurisprudenza nostrana.

**Decide**

29. Għal dawn il-motivi din il-qorti tilqa' l-appell tal-atturi appellanti u tvarja s-sentenza appellata fis-sens li s-somma li qed jiġu kkundannati jħallsu l-konvenuti huwa ta' **Lm27,367.73** ekwivalenti għal **€63,766.81** (u mhux ta' Lm20,260 ekwivalenti għal €47,193.10, kif ordnat l-ewwel Qorti).

30. L-imgħax fuq is-somma ta' €63,766.81 għandu jiddekorri mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni u cioe` mill-11 ta' Mejju 2004.

31. L-ispejjeż tal-ewwel istanza kif gie deċiż minn dik il-Qorti: dawk tal-appell a kariku tal-appellat.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb